MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2005

Numru 10/2000

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
Emanuel sive Leli Camilleri

Il-Qorti,

**Rat l-Att ta' l-Akkuza numru 10 tas-sena 2000, kontra l-akkuzat Emanuel sive Leli Camilleri, li bih huwa gie akkuzat talli :**

**1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi Emanuel sive Leli Camilleri bejn l-ewwel (1) ta' Mejju, elf disa' mija w erbgha w disghin (1994) u l-hmistax (15) ta' Gunju tal-elf disa' mija w tmienja w disghin (1998) iddecieda li jaghtiha ghat-traffikar tad-droga perikoluza eroina billi jipprokura w jforni l-istess droga lil kull min ikun irid jakkwistha.**

**Illi in esekuzzjoni tar-risoluzzjoni msemmija l-istess Emanuel sive Leli Camilleri, forna w ipprokura d-droga eroina lil diversi persuni f'Malta, fosthom certu Marco Abdilla, Sarah Mizzi u diversi persuni ohra hdejn iz-Zurrieq, Haz-Zabbar u bnadi ohra.**

**Id-droga eroina msemmija hija droga specifikata fl-Ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi. Illi l-imsemmi Emanuel sive Leli Camilleri la kellu licenzja mill-President ta' Malta ghall-ghemil tieghu w anqas kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija. Inoltre Emanuel sive Leli Camilleri ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w ma kellux licenzja w anqas kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija. L-istess Emanuel sive Leli Camilleri ma kellux licenzja li jipprokura l-istess droga.**

**Illi b'ghemilu, l-imsemmi Emanuel sive Leli Camilleri sar hati talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga; b'dan li r-reat sar b'diversi atti maghmula w li kienu jiksru l-istess disposizzjoni**

**tal-ligi, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda.**

**Illi b'sentenza tat-tlieta (3) ta' Mejju, 1991 tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, l-imsemmi Emanuel sive Leli Camilleri instab hati ta' delitt.**

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Emanuel sive Leli Camilleri, recidiv f'delitt, hati talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina specifikata fl-ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga; b'dan li r-reat sar b'diversi atti maghmula w li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomor, u multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija w l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha wzati biex tinzamm jew tinhazen, jew biex tinbiegh jew tigi traffikata l-medicina msemmija w ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 2,9, 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(I)(a)(2)(a)(i)(ii), 22(2)(b)(i) u 26 tal-Ordinanza Dwar Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-Regola 4(a) tar-Regoli tal-1939 dwar il-kontroll Intern ta' Medicini Perikoluzi (G.N. 292/1939) u l-Artikoli 18, 23, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

**2) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi Emanuel sive Leli Camilleri bejn l-ewwel (1) ta' Mejju tal-elf disa' mija w erbgha w disghin (1994) u l-hmistax (15) ta' Gunju, tal-elf disa' mija w tmienja w disghin (1998) iddecieda li jaghtiha ghat-traffikar tad-droga perikoluza kokajina billi jipprokura w jforni l-istess droga lil kull min ikun irid jakkwistha.**

**Illi in esekuzzjoni tar-risoluzzjoni msemmija l-istess Emanuel sive Leli Camilleri, forna w ipprokura w offra li jforni w jipprokura d-droga kokajina lil diversi persuni f'Malta, fosthom certu Marco Abdilla, Charles Steven Muscat u diversi persuni ohra hdejn iz-Zurrieq, Haz-Zabbar u bnadi ohra.**

**Id-droga kokajina msemmija hija droga specifikata fir-Raba' Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi. Illi l-imsemmi Emanuel sive Leli Camilleri la kellu licenzja mill-President ta' Malta ghall-ghemil tieghu w anqas kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija. Inoltre Emanuel sive Leli Camilleri ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-diposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w ma kellux licenzja w anqas kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija. L-istess Emanuel sive Leli Camilleri ma kellux licenzja li jipprokura l-istess droga.**

**Illi b'ghemilu l-imsemmi Emanuel sive Leli Camilleri sar hat talli biegh jew xort'ohra ttraffika d-droga kokajina specifikata fir-Raba' Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita’ moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-**

**importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, b'dan li r-reat sar b'diversi atti maghmula w li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda.**

**Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-tlieta (3) ta' Marzu, 1991, l-imsemmi Emanuel sive Leli Camilleri nstab hati ta' delitt.**

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Emanuel sive Leli Camilleri, recidiv f'delitt, sar hati talli biegh jew xort'ohra ittraffika d-droga kokajina specifikata fir-Raba' Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjoni tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga; b'dan li r-reat sar b'diversi atti maghmula w li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomor, u multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija w l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha wzati biex tinzamm jew tinhazen, jew biex tinbiegh jew tigi traffikata l-medicina msemmija w ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli ohra tal-persuna hekk misjuba

hatja skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 2, 9, 10(I), 12, 14(I)(5), 22(I)(a)(2)(a)(i)(ii), 22(2)(b)(i) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-Regola 4(a) tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Medicini Perikoluzi (G.N. 292/1939) u l-Artikoli 18, 23, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghall kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

3) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi ghall-habta ta' Mejju tal-elf disa' mija w erbgha w disghin (1994), dak iz-zmien Spettur Michael Cassar, kien qed ikollu certu success fix-xoghol tieghu kontra t-traffikar tad-droga partikolarment f'Haz-Zabbar. Illi Emanuel sive Leli Camillieri li kien involut sew fit-traffikar tad-droga eroina w cocaina f'Haz-Zabbar, dan ma tantx ghogbu ghaliex kien jitlef hafna mill-qliegh illegali tieghu w tan-nies tieghu. Illi ghaldaqstant l-istess Emanuel sive Leli Camilleri iddecieda li jaghmillu vendikazzjoni billi jpoggi bomba mad-dar tal-Assistent Kummissarju Michael Cassar fi Triq Santa Domenica, Zabbar, fit-tlieta w ghoxrin (23) ta' Mejju tal-elf disa' mija w erbgha w disghin (1994). Illi Emanuel sive Leli Camilleri ipprepara l-bomba li pogga fuq is-soll tal-bieb ta' barra, liema splussiv kien go recipjent tal-hadid ohxon circa tlett millimetri. Illi l-espluzzjoni sehhet ghall-habta tas-siegha w nofs (1.30 p.m.) tal-lejl tat-23 ta' Mejju, 1994 meta Michael Cassar flimkien mal-familjari tieghu kienu d-dar. Illi l-espluzzjoni qeghedet il-hajja tal-persuni li kienu fid-dar, u li setghu kienu ghaddejjin fit-triq, f'perikolu tal-hajja w ukoll ghamlet hsara konsiderevoli fil-bini inkluz dak tal-faccata. Illi Emanuel sive Leli Camilleri ghamel dan meta kien jaf u ried il-konsegwenzi tal-agir illegali tieghu.

**Illi b'ghemilu l-imsemmi Emanuel sive Leli Camilleri sar hati talli dolozament b'sustanza esplosiva, ghamel esplosjoni li tista' tqieghed f'perikolu l-hajja ta' haddiehor jew taghmel hsara gravi lil hwejjeg haddiehor.**

**Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-tlieta (3) ta' Mejju, 1991 l-imsemmi Emanuel sive Leli Camilleri nstab hati ta' delitt.**

**Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lil imsemmi Emanuel sive Leli Camilleri recidiv, hati talli dolozament b'sustanza esplossiva ghamel esplossjoni li tista' tqieghed f'perikolu l-hajja ta' haddiehor jew taghmel hsara gravi lil hwejjeg haddiehor.**

**Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn erba' snin sa ghoxrin sena skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 311, 18, 31(l)(b)(v)(iv)(iii)(ii)(i) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.**

**4) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba' Kap illi fil-lejl tat-tlieta w ghoxrin (23) ta' Mejju, elf disa' mija w erba' w disghin (1994) ghall-habta tas-siegha w nofs (1.30 a.m) ta' bil-lejl Emanuel sive Leli Camilleri pogga bomba ta' qawwa kbira mad-dar ta' Michael Cassar, Haz-Zabbar. Illi dan ghamlu bi hsieb li bl-ispluzzjoni tal-bomba joqtol jew ippoggi f'perikolu car il-hajja ta' Michael Cassar u l-familjari tieghu peress li l-istess Michael Cassar kien ta' ostakolu kbir fix-xoghol illegali tieghu tat-traffikar ta' droga partikolarment f'Haz-Zabbar. Illi minkejja li l-ispluzzjoni ghamlet hsara gravissima fil-proprjeta, b'xorti tajba il-hsieb ta' Emanuel sive Leli Camilleri li joqtol ma rnexxietx ghar-ragunijiet accidentali w indipendenti mill-volonta tieghu.**

Illi b'ghemilu l-imsemmi Emanuel sive Leli Camilleri sar hati ta' tentativ ta' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f'perikolu car wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt ta' omicidju volontarju li ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w ndipendenti mill-volonta' tieghu.

Illi b'sentenza tat-3 ta' Mejju, 1991 tal-Qorti tal-Magistrati l-imsemmi Emanuel sive Leli Camilleri nstab hati ta' delitt.

**Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Emanuel sive Leli Camilleri hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f'perikolu car wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt ta' omicidju volontarju li ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w ndipendenti mill-volonta' tieghu.**

**Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta’ prigunerija minn seba’ snin sa ghoxrin sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 49, 50, 211, 31(1)(a)(b)(ii) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.**

**5) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fil-Hames Kap illi Emanuel sive Leli Camilleri fil-lejl ta' bejn il-wiehed u ghoxrin (21) u tnejn u ghoxrin (22) ta' Marzu, tal-elf disa' mija w tmienja w disghin (1998) mar d-dar ta' Marco Abdilla li kien jixtri kwantita’ konsiderevoli ta' droga minghand l-istess Camilleri biex jithallas d-dejn li kellu mieghu Marco Abdilla. Illi l-istess Marco Abdilla kellu jaghtih is-somma ta' tletin elf lira (LM30,000). Illi meta dan ma hallsux l-istess Emanuel sive Leli Camilleri bil-hsieb li jwegga' lill-istess Abdilla sparalu b'senter u laqtu f'siequ. Illi Marco Abdilla dam aktar minn xahar u nofs wara li safa ferut biex seta' jimxi normali w kellu juza l-krozzi ghal aktar minn tletin gurnata.**

**Illi b'ghemilu l-imsemmi Emanuel sive Leli Camilleri sar hati talli minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'perikolu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuni ohra, liema offiza volontarja fuq il-persuna hija ta' natura gravi peress li gabet marda tal-gisem li damet ghal tletin gurnata jew izjed, inkella ghal daqshekk zmien zammet lill-offiz milli jmur ghax-xoghol tieghu.**

**Illi b'sentenza tat-3 ta' Mejju, 1991 tal-Qorti tal-Magistrati l-imsemmi Emanuel sive Leli Camilleri nstab hati ta' delitt.**

**Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill Emanuel sive Leli Camilleri recidiv, hati talli minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'perikolu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuni ohra, liema offiza volontarja fuq il-persuna hija ta' natura gravi peress li gabet marda tal-gisem li damet ghal tletin gurnata jew izjed, inkella ghal daqshekk zmien zammet lill-offiz milli jmur ghax-xoghol tieghu.**

**Talab illi jinghamel skond il-Ligi kontra l-imsemmi Emanuel sive Leli Camilleri u li jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn sitt xhur sa erba' snin skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 214, 216(l)(d), 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.**

**Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;**

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum, li bih b'sebgha (7) voti favur u b'zewg (2) voti kontra sabu lill-akkuzat Emanuel sive Leli Camilleri hati tal-akkuza taht l-Ewwel kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;

U li bih, bi tmin (8) voti favur u b'vot (1) kontra sabu lill-akkuzat Emanuel sive Leli Camilleri hati tal-akkuza taht it-Tieni kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;

U li bih, b'sebgha (7) voti favur u b'zewg (2) voti kontra sabu lill-akkuzat Emanuel sive Leli Camilleri hati tal-akkuza taht it-Tielet kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;

U li bih, b'sebgha (7) voti favur u b'zewg (2) voti kontra sabu lill-akkuzat Emanuel sive Leli Camilleri hati tal-akkuza taht ir-Raba kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;

Kif ukoll, li bih, b'sitt (6) voti favur u bi tlett (3) voti kontra sabu lill-akkuzat Emanuel sive Leli Camilleri mhux hati tal-akkuza taht il-Hames kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;

Rat il-verdett ulterjuri tal-gurati tal-lum li bih unanimament iddikjaraw lill-akkuzat hati tal-addebitu tar-recidiva fir-rigward tal-Ewwel, it-Tieni, t-Tielet u r-Raba Kap tal-Att tal-Akkuza;

**Tiddikjara lil Emanuel sive Leli Camilleri, recidiv, hati talli bejn l-ewwel (1) ta' Mejju, elf disa mija w erbgha w disghin (1994) u l-hmistax (15) ta' Gunju tal-elf disa' mija w tmienja w disghin (1998) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina specifikata fl-ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kien fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjoni tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja jipprokura l-istess droga, b'dan li r-reat sar b'diversi atti maghmula w li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, ukoll jekk fi zminijiet differenti u gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, w dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;**

**Tiddikjara wkoll lil Emanuel sive Leli Camilleri, recidiv, hati talli bejn l-ewwel (1) ta' Mejju tal-elf disa' mija w erbgha w disghin (1994) u l-hmistax (15) ta' Gunju, tal-elf disa' mija w tmienja w disghin (1998) biegh jew xort'ohra ttraffika fid-droga kokajina specifikata fir-Raba' Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-**

**1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjoni tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja jipprokura l-istess droga; b'dan li r-reat sar b'diversi atti maghmula w li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, w dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;**

**Tiddikjara wkoll lil Emanuel sive Leli Camilleri, recidiv, hati talli fit-tlieta w ghoxrin (23) ta' Mejju tal-elf disa' mija w erbgha w disghin (1994) fi Triq Santa Domenica, Zabbar, dolozament, b'sustanza esplossiva, ghamel espluzzjoni li tista' tqieghed f'periklu l-hajja ta' haddiehor jew taghmel hsara gravi lil hwejjeg haddiehor, u dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza;**

**Tiddikjara wkoll lil Emanuel sive Leli Camilleri, recidiv, hati ta' tentattiv t' omicidju volontarju w cioe' talli fil-lejl tat-tlieta w ghoxrin (23) ta' Mejju, tal-elf disa' mija w erba' w disghin (1994) fi Triq Santa Domenica, Zabbar, ghall-habta tas-siegha w nofs (1.30 a.m.) ta' bil-lejl , dolozament bil-hsieb li joqtol jew ipoggi f'periklu car il-hajja ta' Michael Cassar u l-familjari tieghu, wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt ta' omicidju volontarju li ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu, u dana skond ir-Raba Kap tal-Att tal-Akkuza;**

**Tiddikjara wkoll lil Emanuel sive Leli Camilleri mhux hati tal-Hames Kap tal-Att tal-Akkuza w minnha tilliberah;**

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena fis-seduta tal-lum;

**Rat il-fedina penali tal-hati li l-partijiet jaqblu li ma nbidlitx mis-7 t'Awissu, 1998 sal-lum;**

**Qieset is-sottomissjonijiet kollha tad-difiza li jinsabu registrati w senjatament, izda mhux biss, is-segwenti u cioe' li ghar-rigward tal-Ewwel u t-Tieni Kap il-verdett tal-gurati ma kienx wiehed unanimu izda ta' sebgha (7) voti kontra tnejn (2) u tmin (8) voti kontra wiehed (1) rispettivament;**

**Li l-fedina penali tal-hati ma kienitx wahda refrattarja w li ma kienx instab ebda taghmir ta' kull xorta ghand il-hati u li ghalhekk il-piena ghal dawn iz-zewg kapi kellha tkun in linea mad-decizjonijiet tal-Qrati fuq din il-materja;**

**Illi bejn it-Tielet u r-Raba Kap kien hemm in-ness ta' mezz ghal fini b'dana li r-reat taht it-Tielet Kap serva biex setgha jsir ir-reat taht ir-Raba Kap;**

**Li ma kienx il-kaz li din il-Qorti tapplika z-zieda diskrezzjonali fil-piena minhabba l-addebitu tar-recidiva peress li kull ma kellu l-hati fil-fedina penali tieghu kienet kundanna ta' pussess ta' erbatax il-bullet ta' valur ta' LM1.40c., liema pussess kien minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija w li ma tax avviz lill-Kummissarju tal-Pulizija ta' tali pussess u reat iehor ta' sewqan ta' vettura minghajr ma kienet licenzjata biex tintuza fit-triq;**

**Fl-ahharnett id-difiza talbet il-klemenza tal-Qorti.**

**Qieset is-sottomissjonijiet kollha tal-Prosekuzzjoni li jinsabu kollha registrati w senjatament, imma mhux biss, is-segwenti:-**

**Li fuq erba kapi l-akkuzat kien instab hati ta' l-addebitu tar-recidiva w ghalhekk ma kienx hemm raguni ghala z-zieda fil-piena diskrezzjonali ma kelliex**

**tkun applikabbli; Illi ghall-ewwel zewg reati l-ligi kienet tikkontempla l-piena massima ta' ghomor il-habs; Illi l-hati kien traffikant sostanzjali w kien qed jaghmel hsara kbira lis-socjeta Maltija; li l-iskop li ghalih saret il-bomba kien li l-hati jattakka l-qalb ta' dawk il-persuni li fis-socjeta' kienu qed jiggieldu kontra l-fenominu tad-droga w ghalhekk f'dan il-kaz ir-reat ta' tentattiv ta' omicidju kien ta' gravita' estrema; li l-Qorti kellha tqis l-isfond generali tal-kaz u riedet taghti messagg lis-socjeta' li min jattakka l-gheruq taghha ghandu jigi kkastigat bl-aktar mod iebes u kellha ghalhekk taghti ezempju kbir f'dan il-kaz.**

**Rat il-verbal li bih il-Prosekuzzjoni w id-difiza qablu li bejn ir-reati taht it-Tielet u r-Raba Kap tal-Att tal-Akkuza hemm il-konkors formali ta' reati w li allura l-piena ghar-reat minuri taht it-Tielet Kap ghandha tigi assorbita f'dik tar-reat magguri taht ir-Raba Kap.**

**Ikkonsidrat :**

**Illi skond l-Artikolu 22(2)(a)(bb) tal-Kap. 101, meta l-verdett tal-guri ma jkunx unanimu, l-Qorti tista' tikkundanna lill-persuna misjuba hatja tar-reati taht l-Ewwel u t-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza ghal piena ta' prigunerija ta' zmien ta' mhux inqas minn erba' snin izda mhux izjed minn tlettin sena w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija minflok il-piena ta' ghomor il-habs preskritta skond l-Artikolu 22 (2)(a)(i) tal-istess Kapitolu.**

**Umbaghad fir-rigward tar-Raba Kap li ghandu jassorbi fih il-piena tat-Tielet Kap minhabba l-konkors formali, l-piena hija dik ta' prigunerija minn seba' snin sa ghoxrin sena.**

**Illi skond l-Artikolu 17(b) persuna hatja ta' zewg delitti jew izjed li jaqghu taht pieni li jnaqqsu ghal zmien il-liberta' personali tigi kkundannata ghal piena tad-delitt l-aktar gravi biz-zieda minn terz sa nofs iz-**

**zmien tal-pieni l-ohra mehudin flimkien, b'dan li z-zmien li jinghata ma jiskorrix hamsa w tlettin sena.**

**Ikkonsidrat :**

**Illi anki jekk il-Qorti ghandha, in vista tal-verdett tal-gurati mhux unanimu fuq l-Ewwel u t-Tieni Kap, ma tapplikax il-piena ta' ghomor il-habs, hu evidenti li f'dan il-kaz, trattandosi ta' reati kontinwati ta' traffikar kemm tad-droga eroina kif ukoll tad-droga kokajina, l-piena li l-ligi thalli fid-deskrizzjoni tal-Qorti ghal dawn l-ewwel zewg reati ghandha tkun ferm eqreb il-massimu diskrezzjonali ta' tlettin sena milli l-minimu. Meta mbaghad ma dawn wiehed iqies li l-hati pprova jnehhi l-hajja ta' Ufficjal gholi tal-Pulizija li dak iz-zmien kien inkarigat minn servizz difficli w delikat hafna w dan bil-ghan li jnehhi kull ostaklu ghall-attivita' illegali tieghu fit-traffikar tad-droga, bl-applikazzjoni tal-konkors tal-pieni fuq spjegat, wiehed jasal ghal piena ferm in eccess ghal dik ta' hamsa w tlettin sena massimu skond il-ligi meta ma tinghatax il-piena ta' ghomor il-habs.**

**Il-Qorti thoss li ufficjali pubblici ghandhom isibu l-protezzjoni shiha tal-Qrati meta jkunu qeghdin jaggixxu biex iwettqu d-dmirijiet taghhom u meta jigu attakkati w lezi proprju minhabba li jkunu qeghdin iwettqu dawn id-dmirijiet u ghalhekk ma tistax ma tattribwixxi lir-reati kommessi mill-hati l-gravita' massima li tisthoqqilhom.**

**Ghal dawn il-motivi, wara li rat l-Artikoli 2, 9, 10(1), 12, 14, 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(bb) u 26 ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-Regola 4(a) tar-Regoli tan-1939 dwar il-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/1939) u l-Artikoli 311, 312(3), 211, 41(1)(a), 17(b), 18, 23, 31, 49, 50, u 533 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-hati Emanuel sive Leli Camilleri, recidiv, ghall-piena ta' hamsa w tlettin (35) sena prigunerija li minnu irid jitnaqqas kull perjodu li l-hati ghamel taht arrest preventiv** BISS IN KONNESSJONI MA' DAN IL-KAZ **u ghall-multa ta'**

**hamsin elf lira Maltin (LM50,000) li jekk ma tithallasx fi zmien hmistax il-jum mill-lum, tigi konvertita fi tmintax (18) il-xahar prigunerija kif ukoll is-somma ta' mija w disa' liri Maltin (LM109.00) spejjez peritali inkorsi tul dan il-process u tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom saru r-reati w li jinsabu esebiti w l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli tal-hati;**

**Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota - li ghandha tigi pprezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-Ispizjar Mario Mifsud u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti , li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta' din il-Qorti b'nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali w lill-hati.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------